IL-BELT VICTORIA
RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

Jannar - Frar 1995 Nru. 82

## Il-Kelma ta' l-Arċipriet

Issa saret drawwa! Kull sena jwaħħlulha tikketta. Fis-snin li għaddew, kellna is-Sena ta' l-Anzjani, is-Sena tal-Mara, is-Sena tat-Tfal, is-Sena tal-Familja....... L-1995 tfaċċat quddiemna ġġorr magħha l-kelmiet: L-GĦAXAR ANNIVERSARJU MIS-SENA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ. Żgur li ser nisimgħuha tidwi f'widnejna din l-għajta. Żgur ukoll li matul din is-sena jsiru diversi avvenimenti biex ifakkruha u jiċċelebrawha. J'alla dak li jsir iħalli iktar frott milli ħallew snin oħra ddedikati lil diversi kategoriji ta' persuni.

Ma nixtieqx naqa' fl-istess żball jiena ukoll! Biss mill-banda l-oħra l-anqas nixtieq inħalli din is-sena tgħaddi u ma nkellimx liż-żgħażagħ tal-Komunita' Parrokkjali tagħna permezz ta' din ir-Rivista tagħna *"IL-BELT VICTORIA"*.

**■ WARD U ŻAHAR**

Hu fatt li ż-żogħżija hija l-isbaħ żmien li minnu jgħaddi l-bniedem. Hu

# Żogħżija '95

żmien li fih il-**memorja** tkun għadha friska u tgħin lil dak li jkun iżomm minjiera ta' affarijiet li jistgħu jkunu utli għalih 'il quddiem.

Iż-żogħżija hija żmien li matulu l-**fantasija** tiġri ħafna u tixgħel b'kull kelma u b'kull ġest tara, tħoss jew tisma'.

Iż-żogħżija hija żmien li fih l-**intelliġenza** tkun qed tilħaq il-milja tagħha u ssir tifhem aħjar ħafna affarijiet li s'issa jkunu għadha mistura.

Iż-żogħżija hija żmien ta'

*ikompli f'paġna 3*



## Eżerċizzi tar-Randan Imqaddes

- **GĦAL KULĦADD: Mit-13 sas-17 ta' Marzu 1995** • Ħin: Fis-1.45 p.m.
  *Predikatur:* ***Mons. Alfred Xuereb, ex-Kappillan ta' Ħal-Lija.***
- **GĦALL-KOPPJI MIŻŻEWĠA: Mill-20 sal-24 ta' Marzu 1995** • Ħin: Fis-7.00 p.m.
  *Predikatur:* ***Patri Mario Borg O.C.D. Karmelitan Skalz***
  *Ikun hemm min jieħu ħsieb tat-tfal.*
- **GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ: Mis-27 sal-31 ta' Marzu 1995** • Ħin: Fis-7.00 p.m.
  *Predikatur:* ***Kan. Michael Galea, Delegat għaż-Żgħażagħ***

~ *Il-Korsijiet kollha jsiru fil-Bażilika* ~

# IL-BELT VICTORIA

*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*

*Uffiċċju Editorjali:*

Ċentru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.
Tel: 556377


## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

03.12.94: FRANCESCA, bint Paul Muscat u Mary Anne nee' Mercieca
04.12.94: MATTHEW, iben Joseph Saliba u Elizabeth nee' Apap
08.12.94: MARIA, bint Dr. Paul G. Pisnai u Simone nee' Camilleri
11.12.94: GEORGE LUKE, iben Joseph F. Attard u Marie nee' Sacco
18.12.94: CHRISTIAN, iben Dominic Formosa u Mary Jane nee' Vella
25.12.94: CHERYL, bint Michael Buttigieg u Antoinette nee' Xuereb
25.12.94: JOANNE, bint Joseph Scicluna u Anna nee' Micallef
01.01.95: YLENIA, bint Mario Formosa u Maria nee' Muscat
06.01.95: NICHOLAS, iben Konrad Scicluna u Nathalie nee' Borg
08.01.95: CHIARA, bint George Camilleri u Monica nee' Mizzi
13.01.95: YLAINIA, bint Angelo Muscat u Anette nee' Caruana
15.01.95: MARK, iben Frank Xerri u Stephanie nee' Abela
15.01.95: PETER PAUL, iben John Gambin u Giovanna nee' Said
28.01.95: STEVE, iben Fortunato Sultana u Frances nee' Vella

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

**23.12.94:** MICHAEL ZAHRA u MARCELLE CASSAR

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

02.12.94: ĠUŻA ATTARD
17.12.94: LUIGI GAUCI
24.12.94: CARMELA SAID
13.01.95: RUBEN GATT
17.01.95: JOSEPH SACCO
17.01.95: MARY SCICLUNA
29.01.95: CARMELO XUEREB

## ☞ *Donazzjonijiet għar-Rivista*

| | |
|---|---|
| Rev.George Brincat : USA: | 40 US$ |
| Anton Pace (USA): | Lm5 |
| Paul+Maria Borg : Valletta: | Lm2 |
| George Cassar :Fontana: | Lm2 |
| Francis Cilia: | Lm1 |

### *Ħinijiet tal-Quddies fil-Ħdud u Festi fil-għaxija:*

*Matul il-ġimgħa:* Fil-5.00 u fis-6.00
*Ħdud u Festi:* Fl-4.00 u fil-5.30

## *Editorjal...*

# IL-QUDDIESA TAL-ĦADD

Kull nisrani jaf li hu obbligat li jisma' il-quddies nhar ta' Ħadd u fil-Festi Kmandati. Billi f'kull pajjiż sar żvilupp kbir u s-soċjeta' ma baqgħetx dik li kienet erbgħin jew ħamsin sena ilu, għalhekk il-Knisja ħasset il-ħtieġa li anke l-quddiesa tas-Sibt fil-għaxija tissodisfa dan l-obbligu. Ħaġa li ġiet milqugħa ħafna minn ħaddiema li jaħdmu bix-xift, ħaddiema li jaħdmu l-Ħadd u oħrajn.

Il-fatt li l-presentaġġ ta' dawk li ma jmorrux quddies is-Sibt jew il-Ħadd jidher li żdied għandu jkun preokkupanti għal kulħadd, wieħed irid ukoll jara x'inhu jiġri fil-quddies tal-Ħadd. Kif qed nieħdu sehem. X'ħin qed immorru. Kemm qed inkunu preparati. Nafux liema żmien tas-Sena Liturġika nkunu wasalna fih. Il-partecipazzjoni tagħna waqt il-quddiesa. Aħniex qed nitqarrbnu. Nieħdu sehem fil-kant. U osservazzjonijiet oħrajn.

Jekk inħarsu biss lejn il-quddies fil-parroċċa tagħna tinduna li mhux kulħadd jaf kif n-nisrani għandu jġib ruħu waqt il-quddiesa. Jum il-Mulej, kif suppost għandu jkun dan il-jum għall-insara jidher li sar biss jum ta' divertiment sfrenat u l-quddiesa qed immorru biss bil-għaġġla donnu għandna xi balla fuq l-istonku. Mhux darba u tnejn tisma' il-kumment: Ħa mmur il-quddiesa biex neħles! Mhux dan għandu jkun l-atteġġjament tan-nisrani tajjeb għall-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd.

Kemm minna qed jagħtu każ tal-Bulettin ta' nhar ta' Ħadd li jitqassam regolarment fid-djar kollha tal-parroċċa? Kemm minna qed jaqraw u jiflu l-messaġġ li tkun trid twassilna l-Knisja għal dak il-Ħadd parikulari? Kemm minna qed jużaw il-Messalin biex jkunu jistgħu jsegwu sewwa l-quddiesa? Kemm minna qed jsegwu sewwa l-qari tal-quddiesa u l-omelija tas-saċerdot?

Jekk nippruvaw inwieġbu dawn il-mistoqsijiet żgur li nindunaw li mhux kulħadd jaf x'għandha tfisser il-quddiesa tal-Ħadd għan-nisrani. U mhux minn dawn il-mistoqsijiet biss tinduna kemm hawn insara li m'humiex jisimgħu sewwa l-quddiesa tal-Ħadd. Jekk tara n-nies deħlin il-Knisja tara li ħafna u ħafna minnhom jmorru l-aħħar minuta, u ħafna drabi jmorru wkoll meta l-quddiesa tkun ġa bdiet. U xi ngħidu mbagħad għal xi miżżewġin li jġibu t-tfal żgħar magħhom u jkunu mhux biss ta' tfixkil għalihom imma wkoll għal ħaddieħor.Aħna napprezzaw ħafna s-sagrifiċċju li jkollhom jagħmlu ħafna minn dawn il-koppji biex iġibu magħhom lit-trabi għall-quddiesa. Iżda ta' min jistaqsi: Jekk matul il-ġimgħa jkunu sabu min iżommilhom lit-tfal biex ikunu jistgħu joħorġu jaħdmu, jmorru jixtru jew jagħmlu affarijiet oħra, possibbli li mhux kapaċi jafdaw lil uliedhom għal waqt il-ħin tal-quddiesa, biex b'hekk ikunu jistgħu jieħdu sehem aħjar u ma jtellfu lil ħadd?

Importanti li l-Quddiesa tal-Ħadd nqisuha bħala laqgħa tagħna ma' Alla Missierna, u jrid jifraħ bina, ikellimna, jagħtina l-għajnuniet kollha li jkolna bżonn għall-ġimgħa li tkun ġejja. Hekk biss nibqgħu nattendu għall-quddiesa b'imħabba u b'attenzzjoni.

In-nisrani għandu jagħraf sewwa kif f'Jum il-Mulej jingħaqad bħala familja għas-sagrifiċċju tal-quddiesa u jkun jaf kif għandu jippartecipa biex mit-tagħlim li jieħu jkun jista' iktar jgħix ta' nisrani awtentiku fis-soċjeta' moderna.

## Il-Kelma ta' l-Arċipriet

*Jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

**ottimiżmu,** għaliex il-parti l-kbira taż-żgħażagħ kapaċi jħarsu iżjed lejn is-sabiħ tal-ħajja. Minħabba f'hekk, iż-żogħżija issir ukoll żmien ta' **kuraġġ,** peress li ż-żgħażagħ huma nies li ma jaqtgħux qalbhom u lesti li jidħlu għaċ-*challenges* li jinbtu quddiemhom.

**■ XEWK QALB L-GĦOLLIEQ**

Iżda mhux kollox ward u żahar! Ħadd ma jiċħad li ż-żgħażagħ għandhom ħafna entużjażmu għall-ħajja. Iżda kif intqal tajjeb f'wieħed mill-Workshops li saru waqt Seminar organizzat mill-Fondazzjoni OASI, fil-25 ta' Ġunju 1994: "...ħafna drabi n-nuqqas ta' esperjenza jimbuttahom biex jaqgħu vittma tal-**Kultura tal-Mewt".**

Ta' min isaqsi: **Biex tista' tinħela ż-żogħżija?**

L-għedewwa taż-żogħżija huma ħafna. Biss xtaqt nitfa' l-attenzjoni tagħkom fuq erbgħa minnhom.

*1. ID-DROGA:* li twiegħed ferħ u hena filwaqt li tkisser moralment u fiżikament lil min jeħodha u tħalli effett ħażin f'dawk kollha li jiġu f'kuntatt tal-persuna drogata (familja, ħbieb, eċċ.)

*2. SESSBLA RAŻAN:* li jġiegħel liż-żgħażagħ jarmu l-liberta' li tant jixtiequ u jitkellmu fuqha, biex imbagħad jagħmlu minnhom infushom ilsiera tal-passjonijiet tagħhom, jitilfu s-sbuħija ta' l-imħabba vera u jaħarqu u kmieni jġibu fix-xejn l-isbaħ jiem ta' ħajjithom.

*3. PASSIVITA' U APATIJA:* li tneżża liż-żgħażagħ mill-ħeġġa attiva, karatteristika tagħhom, biex jibdew jistennew kollox mingħand ħaddieħor, jgħixu minn fuq dahar l-oħrajn u jinfnew b'għass qerriedi.

*4. KUMPANNIJA ĦAŻINA:* li tasal tisfrattahom u tisfruttahom, tagħsarhom bħal-lumija biex imbagħad tarmihom, titilfilhom il-boxxla u s-sens ta' direzzjoni u l-iskop ta' ħajjithom.

Ta' min isaqsi: **<u>Allura ma jista' jsir xejn biex iż-żgħażagħ tagħna jagħmlu użu aħjar miż-żogħżija tagħhom ?</u>**

Jista' jsir ħafna.

Jeħtieġ li ż-żgħażagħ **<u>JIFTAKRU LI Ż-ŻOGĦŻIJA HIJA ŻMIEN TA' TĦEJJIJA:</u>**

• għar-responsabbilta' tal-familja li 'l quddiem, il-parti l-kbira tagħhom għad iwaqqfu;

• għall-ħajja kkonsagrata li xi wħud minnhom forsi diġa qed iħossu s-sejħa tagħha;

• għall-ħajja tax-xogħol li titlob minnhom l-għarfien aħjar tad-drittijiet u dmirijiet konnessi ma' dan il-qasam;

• għall-bini ta' soċjeta' ġdida, adattata maż-żmien li fih ikunu qed igħixu.

**■ L-AĦĦAR KELMA**

Għeżież ŻGĦAŻAGĦ: Tridu tibqgħu ŻGĦAŻAGĦ ? Żommu dejjem quddiem għajnejkom bħala "LEADER" tagħkom lil KRISTU, Ż-ŻAGĦŻUGĦ TA' DEJJEM.

*Mons. Salv Borg*


# PELLEGRINAĠĠ GĦALL-ART IMQADDSA

*Organizzat mill-Parroċċa tagħna*

**Mill-5 ta' Ġunju sat-12 ta' Ġunju 1995**

***Titlifx dan iċ-ċans li żżur l-art fejn twieled, għex miet u rxoxta s-Sinjur tagħna Ġesù Kristu***

***Iktar tagħrif, programmi u booking mingħand Mons. Arċipriet li ser jakkumpanja l-Grupp.***

~ In-numru huwa limitat ~


## Nifirħu !!!

Nfirħu lil Ms. DORIENNE PORTELLI, żgħażugħa mill-Komunita' Parrokkjali tagħna li rċeviet trofew għall-mertu fil-għażla "Żagħżugħ/a tas-Sena 1994" organiżżata mil-Fondazzjoni OASI. Dorienne hi żgħażugħa attiva ħafna f'diversi oqsma tal-ħajja kulturali u reliġjuża taż-żgħażagħ tagħna. Tagħti sehemha wkoll fil-parroċċa tagħna speċjalment bħala membru tal-Kor Laudate Pueri. Nifirħulha u nħeġġuha tkompli fil-ħidma kollha tagħha.


**PELLEGRINAĠĠ IEĦOR GĦAL-LOURDES**

**mill-31 ta' Lulju**

**sal- 5 ta' Awissu '95**

**immexxi minn Mons. Arċipriet**

*Iktar tagħrif u Booking mingħand l-Arċipriet*

*Lafayette*

*Photo Studio*

**St. George's Square, Victoria, Gozo.**

*for professional work...*

# Ix-Xhieda ta' Jehovah

***Fuq Triq Għajn Qatet, Victoria, hemm Kingdom Hall, tax-Xhieda ta' Jehovah. Ix-Xhieda twaqqfu fl-1852 minn Charles Taze Russell, fl-Amerika.***
***Propju waqt li kien qed jinkiteb dan l-artiklu membri minnhom kienu qed iħabbtu l-bibien tal-parruċċani tagħna fir-Rabat.***

**☛ X'jemmnu ?**

Ix-Xhieda ta' Jehovah sikwit iwaqqfu lin-nies u jippruvaw ibiegħu l-letteratura tagħhom li llum għandhom minnha anke bil-Malti. Għadu kif ġie f'idejja ktieb tagħhom ta' 190 paġna li jġib l-isem "IL-VERITA LI TWASSAL GĦAL ĦAJJA ETERNA". Se nġib xi siltiet minnu, bil-kummenti tiegħi.

**☛ Ġenna ta' l-Art**

"Ma jkunx hemm gwerer u l-anqas ma jkun hemm it-tbatija li l-gwerer iġibu magħhom" (pag.6) Ix-Xhieda ta' Jehovah qed jgħidu li jrid jiġi żmien meta jkun hawn ħajja eterna imma li tkun intramundana, fid-dinja.

**☛ Il-Bibbja**

Jgħidu li jimxu fuq il-Bibbja u mhux dak li "huwa bbażat fuq it-tradizzjonijiet tal-bnedmin" (paġ.13) . Għidt li "jgħidu" li jimxu fuq il-Bibbja għax fil-fatt jinterpretaw il-Bibbja b'mod fundamentalista. Ma jaċċettawx il-kriterji għall-interpretazzjoni tal-Bibbja li nsibu spjegati tant tajjeb fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika. (iftħu l-Katekiżmu u aqraw sewwa paragrafi nri.112, 113 u 114) Wieħed jinnota inkoerenza ma' l-istess posizzjoni li jieħdu. Per eżempju: filwaqt li x-Xhieda ta' Jehovah ma jaċċettawx it-tradizzjoni, mill-banda l-oħra x'ħin jiġu biex jużaw il-kelma "Jehovah" jgħidu: "il-Kelma 'Jehovah' ilha tintuża għal bosta sekli u hija l-iktar magħrufa" (p.18)! Fi kliem ieħor huma kontra t-tradizzjoni imma fl-istess ħin joqgħodu għat-tradizzjoni.

**☛ Kristu**

Jgħidu li Kristu "ġie maħluq" (p.47) u fil-Ktieb "Il-Verita'" hemm miktub ukoll li "Jidher ċar li anke wara l-qawmien mill-mewt tiegħu, Gesù Kristu huwa ħolqien ta' Jehovah". Jiċħdu d-divinita' ta' dak li qal: "Jien u l-Missier aħna ħaġa waħda".

**☛ Ir-Ruħ**

"Ir-ruħ tal-bniedem hija l-bniedem innifsu" (p.35) "ir-ruħ hija soġġetta



għall-mewt". "Meta l-persuna tmut hija r-ruħ tal-bniedem li tmut". Dan it-tagħlim huwa kontra t-tagħlim tal-Bibbja, kif imfisser mill-Kattoliċi u anke mill-Protestanti u l-Ortodossi.
B'"Infern" il-Jehovah Witnesses jifhmu "il-qabar tal-bniedem" (p.42) Dawk li ma jgħixux ħajja tajba, ix-Xhieda ta' Jehovah jgħidu li dawn jiġu annihilati. Dwar l-infern Ġesu' jitħaddet ċar ħafna. Aktarx li x-Xhieda ta' Jehovah baqgħu jsostnu dan it-tagħlim fuq l-infern biex jibqgħu fidili għall-idea li kellu Russell.

**☛ L-Impenn Soċjali**

Jingħad li meta politiku Malti darba kien tħajjar isir jaf iktar fuq ix-Xhieda ta' Jehovah, malajr tilef l-interess x'ħin qalulu li ma tantx għandhom idea posittiva dwar it-tmexxija politika. Fil-fatt fil-ktieb li qed nikkwotaw minnu jgħidu hekk: "Ma nistagħġbux li s-segwaċi tiegħu (ta' Ġesu') lanqas ma jkunu parti mid-dinja, jiġifieri huma jiskansaw milli jindaħlu fl-affarijiet tad-dinja" (p.61) Aħna l-Kattoliċi nżommu li l-Vanġelu rridu ngħixuh inkarnat fir-realta', anke dik politika.

**☛ Kemm se jsalvaw?**

"L-144,000 (Ara Riv. Kap, 14) huma persuni li mutu fuq l-art bħala bnedmin u jiġu rxuxtati għall-ħajja fis-sema".
L-istudjużi Kattoliċi tal-Bibbja jfissru dan in-numru bħala *"the totality of Christian People"*. It-tifsira tal-Witnesses hija waħda ridikola. In-numri, kif użati fil-Bibbja ġie li jkun fihom tifsira profonda. Fil-fatt xi awturi jgħidu li l-Awtur ta' l-Apokalissi uża n-numru 144,000 biex jalludi għat-tnax il-tribu ta' Israel (in-numru ta' l-Antik Testment) u għat-Tnax l-Appostlu (il-poplu tat-Testment il-Ġdid) (12 x 12 = 144)

**☛ L-1914**

Russell kien ħabbar li Kristu kellu jiġi fl-1874. X'ħin ma ġiex beda jsemmi l-1914. X'ħin Kristu ma deherx fl-1914, ix-Xhieda ta' Jehovah qalu li "Is-Saltna bdiet isseħħ fl-1914 (p.95), imma fl-istess ħin qalu li l-miġja ta' Kristu kienet waħda spiritwali u mhux waħda fiżika.

**☛ Fundamentaliżmu bibliku**

"Meta tisma' jew taqra stqarrijiet minnies tal-kleru li jirreferu għall-partijiet mill-Bibbja bħala 'ħrejjef'......" (p.125) Personalment ma naf bl-ebda qassis li rrefera għall-partijiet tal-Bibbja bħala "ħrejjef". Aktarx li l-Jehovah Witnesses qed jirreferu għall-interpretazzjoni li nagħtu ta' l-ewwel ħdax il-Kapitlu tal-Ġenesi. Dwar dan il-Jerome Commentary (ktieb miktub mill-aqwa studjużi Kattoliċi tal-Bibbja) jgħid hekk: *"No scholar would today hold that Genesis presents history in the modern sense of the term (p.7)"* Imma

b'daqshekk mhux jingħad li l-Ġenesis huwa ħrejjef.

**☛ Is-Sinjal tas-Salib**

"Kont taf li fil-fatt is-Salib għandu oriġini pagana?"

"Il-fatti juru li flok ma huwa s-simbolu esklussiv tal-kristjanita', is-salib kien jintuża qabel it-twelid ta' Kristu" (p. 141)". Anke jekk huwa veru li kien jintuża f'soċjetajiet pagani, ma jfissirx li llum ma nistgħux nużaw is-simbolu tas-salib. L-importanti li niftakru li għalina huwa mezz biex niftakru f'dak li Hu u li għamel Kristu għalina, jiġifieri li miet imsallab.

**☛ Xbihat u Stampi**

Ix-Xhieda ta' Jehovah jgħidu li "Xbihat ta' Kristu ma kienux jintużaw mill-ewwel Kristjani". Din hija ħmerija grassa. Meta tkunu Ruma, inżlu fil-Katakombi ta' San Kallistu u ta' San Bastjan fuq l-Appia Antica, u hemmhekk tgħaxxqu b'sarkofaġi (twiebet ta' l-irħam) u b'affreski li mħadmu fl-ewwel sekli u li fihom wieħed jara anke xbihat ta' Kristu.

**☛ L-Għid**

"L-Għid ma kienx iċċelebrat mill-ewwel Kristjani u .....huwa bbażat fuq prattiċi pagani antiki" (p.147). Inwieġbu billi mmorru għal qabel żmien Kristu. Fil-Patt il-Qadim kienu joffru l-ħobż u l-ewwel frott ta' l-art b'sinjal ta' radd il-ħajr lill-Ħallieq. Wara l-Eżodu mill-Eġittu, l-Lhud kienu jagħmlu l-ikla ta' l-Għid u żiedu l-memorja tal-"ħelsien". Il-kelma Lhudija għall-"Għid" hija "pesah" li tfisser "mogħdija". Jista' jkun li fi żmenijiet pre-bibbliċi il-"pesah" kienet it-tifsira tal-mogħdija tax-xitwa u l-miġja tas-sajf.

Ġesu' x'għamel? Huwa għażel żmien il-Għid biex jagħti Ġismu u Demmu lid-dixxipli. Ħalli naqraw silta mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika: "Ġesu', huwa u jiċċelebra l-Aħħar Ikla ma' l-Appostli tiegħu waqt l-ikla tal-Għid, ta t-tifsir sħiħ u definittiv tal-Għid tal-Lhud. Dan għaliex il-mogħdija ta' Ġesu' għal għand il-Missier permezz tal-Mewt u l-Qawmien tiegħu, imħabbra minn qabel fl-Aħħar Ikla u ċċelebrata fl-Ewkaristija, ittemm l-Għid tal-Lhud u tħabbar minn qabel l-għid ta' l-aħħar tal-Knisja fil-glorja tas-Saltna." (par. 1340)

**☛ Id-demm**

"Ix-Xhieda ta' Jehovah" jordnaw: "tbegħdu mid-demm', ifisser li ma nħalluhx jidħol f'ġisimna għall-kollox" (p.167)

Ix-Xhieda ta' Jehovah ma jaċċetawx trasfuzjoni tad-demm. bħala raġuni għal dan jikkwotaw ordni fit-Testment il-Qadim li kienet tipprojbixxi l-ikel tad-demm ta' l-annimali. Anke jekk bniedem ikun qed imut, għal flixkun demm, ix-Xhieda ta' Jehovah jgħidu li xorta ma jistax jieħu demm. Fil-fatt kien hemm bosta każi ta' persuni li kellhom bżonn id-demm u li minħabba li kienu membri tax-Xhieda ta' Jehovah, kellha tidħol il-Qorti biex tiddeċiedi favur trasfuzjoni.

## ☛ *RIFLESSJONIJIET TA' L-AĦĦAR*

1. L-ewwelnett aħna l-Insara għandna nimxu bl-akbar karita' max-Xhieda ta' Jehovah. Min jgħajjar jew isabbat il-bieb f'wiċċ dak li jkun ma jkunx qed jimxi ta' Nisrani.

2. Fl-istess ħin, huwa fatt li x-Xhieda ma jaqtgħux qalbhom u jkomplu jfittxu persuni li minħabba ċirkustanzi partikulari jkunu saru "easy prey". Għalhekk jekk wieħed ma jħossux ippreparat, m'għandux joqgħod jargumenta affarijiet ta' tagħlim.

3. Meta jiġi xi ħadd tax-Xhieda għandek bil-Bibbja, ftakar li l-Bibbja suppost qegħda f'idejk u suppost li inti qiegħed flok dak il-membru tax-Xhieda! Aħna l-Insara, ħafna drabi, naqgħu f'apatija u ma nagħmlux il-Bibbja parti mill-qari ta' kuljum tagħna.

4. Kelma fuq il-fundatur Charles Taze Russell. Dan kien involut fil-bejgħ tas-suppost "mirable wheat' li wasslet ghall-investigazzjoniiet mill-Gvern Amerikan.

5. Ix-Xhieda ta' Jehovah mhumiex midħla tal-passi ta' ġgant li għamlu l-istudji bibbliċi fil-kampijiet protestanti u kattoliċi. Biex tfisser il-Bibbja sew trid lil xi ħadd li jfissirhielek. Hemm ukoll il-kriterji ta' l-interpretazzjoni tagħha.

6. F'era fejn kulħadd isemmi l-ekumeniżmu u fejn qed isiru sforzi kbar ta' djalogu man-Non-kristjani, ix-Xhieda ta' Jehovah ma jfittxux djalogu. Minflok jiffissaw f'numru limitat ta' asserzjonijiet sterjotipati, ripetuti 'ad nauseam'. Il-motivazzjoni tagħna għandha tkun il-karita' nisranija.

7. L-aħħar kelma. Anke l-istess titlu tal-Ktieb fih żewġ żbalji bil-Malti Se niktbu kif inhu u nħalli f'idejkom biex issibuhom: "IL-VERITA LI TWASSAL GĦAL ĦAJJA ETERNA".

8. Minflok li tinħlew taqraw dan il-ktieb, nissuġġerixxi li tinteressaw ruħkom iktar fit-tagħlim nisrani. Issa li ghandna l-Katekiżmu Uinversali żgur li għandna fuqhiex nimxu.

# Minn Qasam l-Arti f'San Ġorġ (1)

*kitba tal-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

*Illum ser nibdew sensiela ta' artikli qosra dwar bnedmin magħrufa fil-qasam ta' Arti li matul il-medda taż-żmien taw il-kontribut tagħhom biex għamlu mill-Bażilika ta' San Ġorġ ġabra mill-aqwa ta' teżori artistiċi.*

## Il-Pittur Kalabriż Mattia Preti

### (1613 - 1699)

Il-magħruf pittur Kalabriż Mattia Preti twieled f'Taverna, belt żgħira fil-Kalabrija fl-24 ta' Frar 1613. L-ewwel edukazzjoni ħadha mingħand qassis li wara laħaq Isqof ta' Lodi. Ta' eta' żgħira mar Ruma ħdejn ħuh il-kbir Jepi, fejn beda jitħarreġ fl-arti tal-pittura.

F'Ruma studja għal 15-il sena d-disinn. Il-kulur studjah f'Venezja. Il-Papa Urbanu VIII (1623-1644) fit-18 t'Ottubru 1642 tah in-nomina ta' Kavallier u fl-istess sena ġie mlibbes bħala Kavallier ta' Malta fil-Knisja ta' Sant Anna, fil-Borgo. F'Ruma, Preti kien studja l-pittura taħt Domenichino, Guido, Lanfranco u l-Guercino minn Cento.

F'Venezja, Mattia Preti stħarreġ il-pittura fuq il-Veronese, Tiziano u Tintoretto. Minn Venezja mar Franza fejn kompla kabbar il-ġenju artistiku tiegħu billi studja lil Rubens. Wara mar lejn il-Fianda biex jiltaqa' ma' dan l-artista ta' fama mondjali.

Iktar tard kellu jaħrab minn Ruma wara li ġie ppersegwitat, u ġie Malta, biex b'hekk ħeles il-patibolu ta' Napli. Il-Kav. Mattia Preti nsibuh f'Malta fi żmien il-Gran Mastru Fra Paolo Lascaris



*Mattia Preti*

Casteller (1636-1657). Dan kien ordna lill-Preti kwadru ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel, liema kwadru għadu jinsab fil-Kappella msejħa ta' San Ġorġ tal-Lingwa ta' Aragona fil-Kon-Kattidrala ta' San Ġwann fil-Belt Valletta.

Ta' min igħid li dan il-kwadru, Mattia Preti kien pittru f'Napli, u kien intbagħat żmien wara fis-sena 1657 wara l-mewt tal-Gran Mastru Lascaris Castellar. dan il-kwadru famuż qala' tifħir kbir, hekk li l-Gran Mastru Fra Martin De Redin (1657-1660) ordna lil Mattia Preti t-tpinġija tas-saqaf kollu tat-tempju majestuż ta' San Ġwann.

L-ewwel ħaġa li pitter il-Preti kienet l-Abside (Arzella) li saret taħt il-Gran Mastru Cottoner (1663-1680) Ix-xogħol kollu tas-saqaf kolossali l-Preti dam ipittru għal 13-il sena. Alliev tal-Preti nsibu wieħed ilsir tiegħu, ċertu Raimondo u lil Suor Marija De Dominici. Preti ħalla ukoll xogħolijiet tiegħu ġewwa l-Italja, Ġermanja, u Spanja.

Preti huwa pittur oriġinali. Il-figuri huma kollha oriġinali. Kellu immaġinazzjoni w ispirazzjoni qawwija. Id-disinn tiegħu huma kbar u mponenti. Wera sengha kbira fix-xeni tal-martirju.

F'Malta nsibu bosta kwadri titulari tal-Mattia Preti. Biżżejjed insemmgħu il-Kattidral ta' l-Imdina, il-Knejjes Arċipretali ta' San Ġorġ f'Ħal-Qormi, taż-Żurrieq, tas-Siġġiewi. il-Parroċċa ta' Ħal-Luqa u kwadri oħra fil-knejjes u kunventi

F'Għawdex insibu tlett kwadri tiegħu: tnejn minnhom jinsabu fil-Bażilika imponenti ta' San Ġorġ, tal-Belt Victoria. Dawn huma l-Kwadru titulari ta' San Ġorġ, impitter fl-1678 u mħallas mill-Gvernatur ta' Għawdex Francesco de Cordoba u l-ieħor ta' l-Erwieħ, impitter fl-1688 u mħallas minn Ġanni Gourgioun u martu Elena. Il-Kwadru l-ieħor ta' Preti jinsab fil-Knisja ta' Sant Wistin, li huwa l-kwadru titulari mħallas ukoll minn Ġanni Gourgioun.

Mattia Preti miet fit-13 ta' Jannar tal-1699 fl-għomor ta' 86 sena. Il-fdal tiegħu jinsab fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, f'qabar inti u dieħel fuq ix-xellug għas-sagristija. ●

## Ir-Rokna tat-Tfal

Għeżież Tfal,

Naħseb li sakemm ikollkom f'idejkom din ir-Rivista, tkunu diġa temmejtu l-eżamijiet ta' nofs is-sena. Qegħdin taraw kif igerbeb iż-żmien! Għandi nifhem li lkoll kemm intom mortu tajjeb fl-eżamijiet. Tfal, huwa importanti ħafna li tgħinu lil tfal oħra sħabkom li ma tantx marru tajjeb għal xi raġuni jew oħra. Tajjeb li jkollkom fikom sens kbir ta' altruwiżmu. Tafu dan x'inhu? Jiġifieri li tgħinu dejjem lil min ikun jeħtieġ il-għajnuna tagħkom hi x'inhi.

Ħalli ngħidilkom din l-istorja.

Wieħed Irlandiż jismu Jim darba ħolom li sab ruħu quddiem bieb il-Ġenna, jistenna ma' tnejn oħra. Kien beżgħan għax ħaseb li Pietru kien ser jibagħtu x'imkien ieħor. Resaq l-ewwel raġel u meta Pietru staqsieh x'għamel tajjeb, dan qallu:

"Għal 40 sena ħdimt bħala missjunarju fl-Afrika".

"Tajjeb ħafna", qallu Pietru, "idħol fil-ferħ ta' dejjem".

It-Tieni wieħed ukoll kellu l-istorja tiegħu:

"Għal 40 sena ħdimt fil-minjieri biex nara li l-familja tiegħi tgħix diċenti u ma tkun nieqsa minn xejn".

"Batejt, ħabib. Idħol fil-ferħ ta' dejjem".

Issa kien imiss lil Jim. La kien missjunarju u l-anqas ħadem f'minjieri. Kien buffu fiċ-Ċirku.

"Xi tgħidli ħabib fuqek innifsek?"

"Jiena", temtem Jim, "kont buffu fiċ-Ċirku u għal 40 sena ppruvajt indaħħak in-nies........... anke meta ma tantx kelli aptit id-daħk!"

"Idħol, ħabib........u imxi 'il fuq għax min ħadem biex jagħmel lill-proxxmu ferħan ħaqqu wkoll il-premju tiegħu".

Jgħidu li wara din il-ħolma,Jim kien idaħħak lin-nies b'entużjażmu ta' żagħżugħ. Kien ferħan li meta tferraħ lil ħaddieħor qed tagħmel att ta' karita' kbir.

Qegħdin taraw tfal? Intom lesti xejn biex tferrħu lil ħaddieħor. Tferrħu lill-ġenituri tagħkom billi tobduhom. Tferrħu lill-ħutkom billi tgħinuhom fix-xogħol tagħhom. Tferrħu lill-għalliema tagħkom billi toqogħdu attenti, tagħmlu l-'homework' li jagħtukom u tistudjaw. Tferrħu lill-proxxmu tagħkom kollu billi toffrulu l-għajnuna li jkun jeħtieġ.

Għal lum daqshekk, tfal. Sa kemm nerġgħu niltaqgħu darb'oħra nixtieqilkom ilkoll kull ġid u barka tas-Sema.

Tata'

*Iz-Ziju Peppi*

## KOMPETIZZJONIJIET GĦAT-TFAL

*Nru. 1 :*

**GĦAL TFAL FI SKEHJJEL PRIMARJI**

*Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:*

1. Għal min ġiet imsemmija l-iskola Primarja ta' triq Vajringa, ir-Rabat?
2. X'Kienet l-għola kariga li okkupa dan il-bniedem li għalih semmew l-iskola?
3. F'liema sena twieled u f'liema sena miet?

*Nru. 2 :*

**GĦAL TFAL TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI**

*Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:*

1. Fejn saret il-laqgħa taż-żgħażagħ mal-Papa f'Jannar 1995?
2. Liema huma l-ġranet li fihom in-nisrani huwa obbligat li jsum?
3. X'kien jismu t-tanker li sploda fit-Tarzna ta' Malta fil-lejl tat-3 ta' Frar 1995?

***Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom ma l-isem, indirizz, numru tat-telefon u klassi sar nhar is-Sibt 18 ta' Marzu 1995 f'dan l-indirizz:***

**L-Editur, Il-Belt Victoria, Centru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karita', Victoria.**

- **Jingħataw premijiet ta' kotba.**

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni tal-ħarġa Novembru-Diċembru 1994 hija:
**Ruth Vella, Fl.1, Napoli Flats, St. Joseph Labre' Str., Victoria.**
*Il-premju jista' jinġabar mill-Uffiċċju Parrokkjali.*


**FIERA KBIRA TA' L-GĦAMARA**

*Casa Bella*

***FIL-KUMPLESS TAL-KAŻIN "LA STELLA"***

**24, 25 u 26 ta' Frar 1995**

**Ħin:** 9.00 a.m. - 12.00 p.m.
**u mill-** 4.00 p.m. - 9.00 p.m.

**DĦUL B'XEJN**
**MISTIEDEN KULĦADD**

# IL-BANDA ĊITTADINI "LA STELLA" F'JUM IR-REPUBBLIKA

Wieħed mill-appuntamenti li żżomm ta' kull sena l-Banda "La Stella" ma' l-ammiraturi tagħha hu bla dubju l-Programm Mużikali li l-Banda tesegwixxi f'Misraħ l-Indipendenza, f'wieħed mill-Ħdud ta' Novembru. Din is-sena, jiġifieri fl-1994, meta l-Banda kienet fl-aħħar thejjijiet tagħha sabiex tippreżenta dan il-Programm, waslitilna l-istedina mill-Kunsill tal-Kultura sabiex ittella' programm mużikali fit-13 ta' Diċembru, nhar Jum ir-Repubblika.

Il-Programm ġie esegwit fis-Sala ta' l-Oratorju Don Bosco, taħt il-Patroċinju ta' l-Onor. Ministru għal Għawdex, is-Sur Anton Tabone, il-President tal-Kunsill tal-Kultura, u personalitajiet distinti fosthom delegazzjonijiet u membri, Kumitati u Għaqdiet, u fuq kollox pubbliku in ġenerali. Is-Surmast Joseph Vella dderieġa l-Banda li kienet f'forma dinamika.



Il-Programm fetaħ bil-Marcia Sinfonica *"Paesaggio Umbrio"* ta' Omero Carraro. Wara ndaqqet is-Sinfonija ta' Adolf Adar *"Si J'etais Roi"*. Il-Programm inkluda wkoll selezzjoni mill-Opra *"Un Ballo in Maschera"* ta' Giuseppe Verdi u oħra mill-Musical Ċelebri *"My Fair Lady"* ta' Frederick Loewe. L-aħħar silta li ndaqqet kienet is-Sinfonija mill-Opra Verdjana *"I Vespri Siciliani"*. Il-Banda "La Stella" għalqet il-programm bid-daqq ta' l-Innu lil Għawdex, Innu "La Stella", u l-Innu Nazzjonali.

Fi tmiem ta' dan il-Kunċert memorabbli ingħata riċeviment fis-Sala tal-Kunċerti fil-Każin "La Stella", li għalih kienu mistiedna l-Bandisti u n-nisa tagħhom, il-membri tad-diversi kumitati fi ħdan is-Soċjeta' "La Stella" u mistednin oħra. Ta' min igħid li matul is-sena 1994, delegazzjonijiet miż-żewġ baned tal-Belt Victoria attendew għall-okkażżjonijiet simili organiżżati miż-żewġ każini. Dan ġie mfisser bħala atteġġjament posittiv li ġie apprezzat ħafna.

# "MUR OBSOR GĦAZ-ZIJA!"

### *Kummiedja Ġdida fit-Teatru Astra*

L-Ewwel rappresentazzjoni għas-Sena 1995 mtella' mill-Għaqda tal-Palk "Astra", kienet il-Kummiedja "Mur Obsor għaz-Zija!", kummiedja ta' Dario Benini, li ġiet maqluba għall-Malti u addattata għall-pajjiżna minn Mons. Salv Borg.

Kienu sagħtejn u nofs ta' daħk kontinwu. Kull min attenda ħareġ sodisfatt kemm mill-Kummiedja fiha nnifisha, li kienet miżgħuda b'sitwazzjoni mill-iżjed komiċi, kif ukoll mill-ħila ta' l-atturi u l-attriċi li ħadu sehem fiha. Ilkoll kemm huma taw sehemhom għas-suċċess ta' din il-Kummiedja. Irridu ngħidu grazzi u prosit lil dawk kollha li ħadu sehem fil-kummiedja: Joe M. Attard, Anton Said, Mario Portelli, Maria Schembri, Mario Tabone, Maria Zammit Borg u Charlie Zammit, M. Attard li lkoll qaxxru l-parti tagħhom. Prosit ukoll lil-istage Crew: C.Zammit, T. Farrugia, F. Gauci, M. Sagona, J. Farrugia; lil dawk responsabbli mil-Light Effects Michael Angelo Galea u George Zammit; lil George Farrugia, Manuel Grima u Doris Farrugia responsabbli mill-Props u Wardrobe, lil G.R. Grech u M. Grima inkarigati mill-Uffiċċju Relazzjonijiet Pubbliċi. Grazzi ukoll lil Joe Scicluna & Sons għall-għamara użata, kif ukoll lil Lumen Christi Media Centre għas-Sound Effects.



Il-praspar li ġraw matul dawk is-sagħtejn u nofs mhux la kemm tirrakkontahom. Pawlu, ferħan se jtir li ra lill-martu u lill-kunjata jitilqu għall-vaganza twila twila fil-muntanji, jirritorna lejn daru, deċiż li flimkien ma' Patist il-qaddej fidil tiegħu tqattgħu xahrejn fil-liberta', għall-kwiet u bla ebda taħbil il-moħħ. Iżda bil-kemm kien għadu rifes l-għatba ta' l-appartament tiegħu li ma jasalx ħabibu Ġorġ, ġuvni ta' l-eta' tiegħu li jitolbu jgħinu biex fi żmien siegħa jsiblu mara, tarbija u appartament, peress li zitu, iz-Zija Paċifka, mara miljunarja Amerikana kienet ġejja biex tara lill-martu u lill-ibnu u tħalli il-patrimonju kollu tagħha ta' madwar 12-il miljun dollaru lil Ġorġ.

Biex tkompli tagħqad, jasal ukoll Peter li jitlob lil Ġorg jaħbih x'imkien fil-flat tiegħu, peress li kienet ġejja tiġi warajh is-Sinjorina Ursola Testaferrata del fu' Mattia, sid il-kera, għax kien ilu iktar minn sitt xhur ma jħallas kera tal-flat tiegħu. Minn hawn il-quddiem tibda l-kummiedja f'kummiedja. Peter jilbes ta' mara biex waqt li jeħles minn sid il-kera, jgħin lil Ġorġ u jidher li huwa martu. Tasal iz-zija Pacifika, kollha ħerqana biex tara lill-eredi tagħha, it-tarbija ta' Ġorġ. Iżda x-xitan ma għandux ħalib! Filwaqt li għall-bidu ma setgħux isibu jissellfu tarbija, jispiċċaw isibu tlett itrabi minflok waħda. Tistgħu taħsbu x'pandemonju jinqala' fuq il-palk.

L-istorja tibqa' għaddejja. Episodju wara l-ieħor li jħalluk bla nifs. Iżda kif ser tispiċċa l-istorja? Aħjar ma ngħidilkom xejn, ħalli f'każ li jun hemm il-ħtieġa li terġa issir ma ntellfilkomx il-gost.

Fit-tmiem tal-kummiedja, meta l-udjenza kienet ħierġa biex tmur lura lejn darha nstemgħet tgħid: ***"Mur Obsor għaz-Zija!..........sagħtejn u nofs għaddejna b'riħet tagħha".*** ■

A+M PRINTING LTD. - QALA